# O Żmien Ħelu

tagħrif u ritratti minn
Raymond C. Xerri, B.A.(Hons.)(USA), EU.Sch.(FRG), D.D.S., M.A.(Dip.St.)

## L-Eqdem Niċeċ tal-Madonna tal-Kunċizzjoni

Fir-raħal tagħna insibu għadd ġmielu ta' niċeċ qodma. Fost dawn hemm żewġ niċeċ tal-Kunċizzjoni fi Triq 28 ta' April 1688, ta' Stella Maris fil-Knisja tal-Madonna tal-Blat, il-Kunċizzjoni tas-Santwarju tal-Qala fuq il-frontispizju li qiegħda n-naħa tax-xellug tal-Knisja Parrokkjali. Hemm oħrajn li sfaw il-mira ta' vandali u vittma ta' nies bla kuxjenza nisranija.

Għal din ir-rubrika ser nitratta l-eqdem tliet niċeċ li għandha f'raħalna. Dawn huma niċċa tal-Madonna tal-Kunċizzjoni. Din tinsab fil-Pjazza tar-raħal, eżattament biswit il-gallerija antika magħrufa bħala tal-Parti, suġġett li kont trattajt xi snin ilu. Din il-gallerija tal-ġebel hi mniżżla fil-lista ta' dawk protetti mill-Ordinanza ta' l-Antikitajiet tal-1925. Din hi niċċa żgħira u l-proporzjonalita' ta' l-istatwa jaqbel għaliha. Minquxa fil-ġebla tal-franka, l-istatwa tirrappreżenta lill-Immakulata Kunċizzjoni. Illum l-istatwa ma' għaddiex hemm. Diffiċili ngħidu meta kienet saret din in-niċċa, pero' l-bini li fiha l-gallerija, tmur lura għal żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann f'pajjiżna jiġifieri madwar l-istess żmien li nbena l-Forn tal-Mulejja. F'dak iż-żmien ftit kienu l-bini fir-raħal tagħna bl-eċċezzjoni ta' ftit għorof u ovvjament is-Santwarju tal-Kunċizzjoni.



Għalhekk x'aktarx li din in-niċċa ilha hemm minn żmien l-Ordni, pero' l-istatwa jista' jkun li tpoġġiet hemm xi żmien wara. Li hu żgur hu, li fil-Qala, il-qima lejn l-Immakulata Kuncizzjoni kienet hemm b'ċerta preżenza qawwija u ferma fl-1615 meta Mons. Cagliares, l-Isqof ta' Malta, biddel it-Titular ta' Santa Marija tal-Qala f'dak tal-Immakulata Kunċizzjoni. Teżisti ndikazzjoni żgħira li eżatt taħt in-niċċa kien hemm xi skrizzjoni. Nisperaw li xi darba nsiru nafu x'kienet tgħid din l-iskrizzjoni. Wieħed ukoll jittama li l-istatwa u l-fanal li kellha ma jdumx ma jarahom.

Minbarra fil-pjazza tar-raħal il-preżenza tal-Madonna tal-Kunċizzjoni nsibha fl-eqdem u l-ewwel triq tar-raħal tagħna - Triq it-28 ta' April 1688. Hemm żewġ niċeċ, waħda fuq ir-riħ tal-Għassa tal-Pulizija jew mal-ħajt tal-Uffiċini tal-Kunsill Lokali tar-raħal u l-oħra ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali l-ġdid. In-niċċa ta' mal-ħajt tal-Kunsill għandha statwa li kienet komuni ħafna għall-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin. Din l-istatwa qiegħda f'dar proprjeta' tal-Patrijiet Franġiskani.

Dawn it-tlett niċeċ jinsabu f'post pjuttost għoli u biex jintlaħqu, ikun hemm bżonn sellum twil. Fi żmien it-tidwil bil-fanal, raġel mir-raħal, Bernard Vella (li kien magħruf bħala ta' Trejża jew ta' Brejnit) kien jieħu ħsieb din in-niċċa u kuljum kien joħroġ mill-ħanut taż-żeba' li kien jinsab faċċata tan-niċeċ (fejn illum hemm il-Każin tal-Partit Nazzjonalista) u jixgħel quddiemha xemgħa jew żejt. Mal-introduzzjoni ta' l-elettriku quddiemhom saru lampi tal-elettriku.

Nistħajjel it-triq prinċipali tagħna dak iż-żmien Triq l-Imġarr mudlama f'xi lejla xitwija, b'ftit dawl ta' qamar u ta' xi fanal tat-triq u Bernard (għaliex kont niftakru) kien iqiegħed is-sellum mal-ħajt u jitla' qajla qajla u jiftaħ il-fanal ċkejken u b'dawl inemmex l-għajn, jixgħel dawl li jsaħħar d-dalma tal-lejl u jfaħħar l-imaġini qaddisa.

***O żmien ħelu ... fejn int?***